**14 ta' Frar, 1963**

**Imħallef:**

**L-Onor. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.**

Alfred Calleja

*versus*

Victor Cavallo

**Appalt — Ħlas ta' — Xogħol Ħażin — Intempestività**

*Hija intempestiva l-azzjoni għall-ħlas ta' appalt meta x-xogħol fuq dak l-appalt ma jkunx ġie esegwit sewwa.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur jitlob illi, premessa kwalunkwe dikjarazzjoni neċessarja u mogħti kull provvediment opportun, il-konvenut jiġi min dina l-Qorti kundannat li jħallsu s-somma ta' ħamsa u sittin lira (£65) bilanċ ta' press ta' fond lilu mibjugħ xi żmien ilu liema fond huwa numru wieħed Capua Place, Victoria Avenue, Sliema. Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tad-9 ta' Frar, 1962, kontra l-konvenut.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, li biha jesponi illi l-attur ma għamilx ix-xogħol kollu li kellu jagħmel u li għalih ġie stabilit dak il-prezz li fuqu sar il-ftehim, u għamel xogħol difettuż, kif jiġi pruvat waqt il-kawża illi hu offra lill-attur li jiġi pruvat waqt il-kawża; illi hu offra lill-attur li jiġi jispiċċalu x-xogħol u jirranġa d-difetti ta' parti mix-xogħol u jħallsu, imma l-attur ma aċċettax. Hu mexa kif ftehmu. Salvi eċċezzjonijiet oħra.

Omissis;

Ikkunsidrat:—

Illi l-fatti tal-kawża huma dawn:

L-attur biegħ lil konvenut l-fond indikat fiċ-ċitazzjoni. Billi sa meta sar dan il-bejgħ kien għad jonqos li jsiru fil-fond xogħolijiet ta' riparazzjoni u ta' tqiegħid ta' xi oġġetti, bi ftehim li sar bejn il-kontendenti permezz ta' skrittura tal-15 ta' Lulju, 1961 (fol. 7, 37), mill-prezz tal-bejgħ il-konvenut żamm f'idejh (£65) li hu obbliga ruħu li jħallashom lill-attur hekk kif dan jeffettwa x-xogħolijiet kollha imsemmijin: xogħolijiet li l-attur, skond l-istess skrittura, obbliga ruħu li

*jagħmilhom fi żmien xahrejn mid-data imsemmija.*

Illi l-attur jippretendi li x-xogħlijiet kollha ta' riparazzjoni u ta' tqiegħed li kellu jagħmel għamilhom kollha, u għalhekk qed jitlob li l-konvenut iħallsu s-somma ġià indikata ta' £65, *minn naħa* tiegħu l-konvenut jallega li l-attur għad ma għamilx ix-xogħol kollu, u li x-xogħol li għamel huwa difettuż, u kwindi skond il-ftehim li sar bejnu u l-attur, hu mhux tenut iħallas lill-attur s-somma minnu mitluba.

Illi l-perit ġudizzjarju irrelata li l-biċċa l-kbira tax-xogħol li l-attur kellu jagħmel ġie esegwit, imma li għad hemm xi xogħolijiet li l-attur għadu ma esegwiex sewwa, ċioè bieb tal-ħadid, fis-sitting room, tieqa tal-ħadid fil-kamra tal-banju, tieqa żgħira fid-W.C., il-bidet u żewġ bozoz fit-tarag.

Illi minn dan li irrelata l-perit ġudizzjarju, li fuqu ħadd mill-kontendenti ma għamel xi osservazzjoni u li dina l-Qorti ma ssibx raġunijiet għaliex ma għandhiex issegwi, jirriżulta li l-attur għadu ma għamilx ix-xogħolijiet kollha li hu assuma l-obbligu li jagħmel; u li kwindi l-konvenut huwa ġustifikat li ma jħallsux. Huwa veru li l-perit fisser li d-difetti, minnu riskontrati huma minimi, li l-biċċa l-kbira tax-xogħolijiet l-attur għamilhom, imma skond il-ftehim bejn il-kontendenti inkorporat bl-imsemmija skrittura, il-konvenut obbliga ruħu li jħallsu s-somma ta' £65 lill-attur hekk kif dan jagħmel, u jagħmel sewwa x-xogħolijiet kollha imsemmijin fl-iskrittura. Tant li l-attur għad ma rranġax, almenu sewwa, id-difetti fix-xogħol li hu stess bir-rikors presentat fit-8 ta' Frar, 1963, talab li jipproduċi provi li l-bieb tal-gallerija jista' jissewwa — dak li jfisser li hu jirikonoxxi li dan il-bieb għad mhux riparat sewwa — u kemm tkun l-ispisa għal din ir-riparazzjoni. Però, fil-każ in disamina mhux il-każ li ssir l-indaġini kemm tilħaq l-ispiża għar-riparazzjonijiet li għad jonqsu isiru u l-istess tiġi dedotta mis-somma ta' £65 u dawk ir-riparazzjonijiet im-

bagħad jagħmilhom il-konvenut, għaliex skond l-imsemmi ftehim ir-riparazzjonijiet u x-xogħol kollu għandu jagħmlu sewwa u kollu l-attur, u l-konvenut għandu jħallsu s-somma ta' £65 hekk kif hu jkun għamel sewwa dak ix-xogħol kollu. Illi għalhekk id-domanda ta' l-attur hija intempestiva.

Għal dawn ir-raġunijiet,

Tillibera lill-konvenut mill-osservanza tal-ġudizzju, bl-ispejjeż kontra l-attur.